MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 275/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Matthew Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Matthew Micallef talli fis-6 ta’ Settembru 2004 w fix-xahar ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:-

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li

jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

b) Fl-ahhar xahrejn ta’ qabel is-sitta ta’ Settembru 2004, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Fix-xhur ta’ qabel is-sitta ta’ Settembru 2004 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

d) Fi Frar 2004 kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika (Speed amphetamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Matthew Micallef hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu b’dan illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda u, wara li rat l-artikoli 17(b) u 17(h) tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kap. 101, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 101, ir-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), ir-regolament

5(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendat, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tilet Skeda ta' l-Ordinanza dwar ilProfessjoni Medika (Kap. 31) tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta sentejn u tliet xhur li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa ghadda taht arrest preventiv u ghall-multa ta' Lm600 (sitt mitt liri Maltin) liema multa tista tithallas b'rati mensili ta Lm 30 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh erba' gimghat mis-sentenza appellata. Il-Qorti rrakkomandat lill-Awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-appellant (allura imputat) mill-ewwel ikollu Social Worker biex jghinu jkompli fil-progress li beda jaghmel. Il-Qorti ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 peress illi l-esperti nhatru waqt l-inkjest u dan sar qabel is-16 ta' Jannar 2006, u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti u jsir verbal dwar din id-distruzzjoni fiz-zmien moghti mil-ligi;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Matthew Micallefipprezentat fis-7 ta' Awissu 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza ghar-rigward tal-htija ta' l-appellant kif akkuzat, tirriforma s-sentenza fir-rigward tal-piena karcerarja ta' sentejn u tliet xhur u l-multa ta' sitt mitt liri Maltin (Lm600) ghal wahda ferm anqas fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis eccessiva peress illi 'l fuq sew mill-*minimum* permess mil-ligi. L-appellant josserva illi huwa ma kienx juza u qatt ma uza l-mizien elettroniku ghal xi skop ta' traffikar, li l-*probation officer* Maryanne Zammit irrakkomandat li jinghata piena karcerarja minima biex ma jitlifx dak li diga` bena, u li l-eroina li nstabet kien juzaha fi ftit inqas minn gimaghtejn.

L-ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, qieset kemm il-fatturi negattivi kif ukoll dawk pozittivi.

Mil-lat negattiv qieset illi l-ammont ta' eroina misjuba kien ta' 14.597 grammi b'purita` ta' 36.8% li mhux ammont zghir. Qalet ukoll illi anke ghall-uzu personali hemm il-piena ta' prigunerija fl-ordinament guridiku ta' pajjizna.

Mil-lat pozittiv qieset: (a) l-ammissjoni li l-appellant ghamel mill-ewwel, (b) il-progress li qed jaghmel; (c) il-fedina penali nadifa tieghu; u (d) il-fatt li pprova u sab jahdem.

Issa, b'referenza ghas-sottomissjonijiet ta' l-appellant quddiem din il-Qorti, jinghad l-ewwelnett illi huwa minnu illi m'hemm l-ebda prova illi l-appellant kien jaghmel uzu mill-mizien elettroniku ghal skop ta' traffikar. Difatti mir-relazzjoni ta' l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi ma nstabux tracci ta' sustanzi illegali fuqu. Pero` l-mizien elettroniku ma ttehidx in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena. It-traffikar u l-modalita` tieghu fil-fatt jirrizulta mill-ammissjoni li ghamel l-appellant stess lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu (a fol. 13 sa 15).
Kwantu ghar-rakkomandazzjoni tal-*probation officer* li jinghata piena karcerarja minima biex ma jitlifx dak li bena, dan il-punt ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti li sahansitra rreferiet ghat-trobbija difficli li kellu l-appellant, ghall-fatt li huwa sportiv u li ghandu hafna kwalitajiet tajbin u li ghandu s-*support* ta' missieru.

Anke l-ammont ta' eroina li nstab ghand l-appellant gie kkunsidrat mill-ewwel Qorti li osservat, korrettement, illi ghall-pussess ta' droga ghall-uzu personali l-ligijiet taghna jipprospettaw ukoll piena ta' prigunerija.

Inoltre ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*. F'dan ir-rigward gie kemm-il darba citat

b'approvazzjoni dak li jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [1]

F'dan il-kaz m'hemm l-ebda dubju illi l-piena hija fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghall-ewwel imputazzjoni

[1] Page 1695, para. D23.45

hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira. Imbaghad trid tizdied minn terz sa nofs il-piena ta' prigunerija dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jew nofs il-multa jew it-tnejn f'salt. Jigifieri l-appellant seta' gie kkundannat sahansitra ghal prigunerija ghal perijodu massimu ta' hdax-il sena, minbarra l-multa.

Inoltre f'dan il-kaz l-appellant ma bbenefikax mill-provvedimenti ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Permezz ta' rikors ipprezentat quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Jannar 2006 huwa kien talab lill-ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza peress illi kien "qieghed jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu biss u esklussivament ghal dak li jirrigwarda l-possibilita` li jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal dan l-iskop fil-prezent jinsab jikkomunika mal-Ufficjali Prosekuturi", liema talba giet milqugha. Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2006 l-Ispettur Norbert Ciappara talab lill-Qorti taghti ftit zmien lill-appellant (allura imputat) sabiex ikun jista' jikkomunika mal-prosekuzzjoni ghall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu. Pero` sakemm dik il-Qorti waslet biex taghti s-sentenza, ma kienet giet infurmata mill-prosekuzzjoni dwar ebda raguni li ghaliha setghet tapplika l-imsemmi artikolu 29. Hekk ukoll f'din l-istanza.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi hemm ragunijiet li jiggustifikaw il-varjazzjoni tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. It-traffikar ta' kull tip ta' droga illegali huwa reat serju u jrid jigi punit bhala tali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'mod partikolari f'dik il-parti fejn saret rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant ikollu mill-ewwel *social worker* sabiex jghinu fil-progress li beda jaghmel. Inoltre din il-Qorti zzid tirrakkomanda illi l-appellant jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex ikun assigurat illi huwa jehles mill-problema tad-droga darba ghal dejjem billi anke, sa fejn

possibbli, jippartecipa fi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni minhabba l-istess problema.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------